

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1905**tat-22 ta' Ottubru 2015****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ittestjar ta' żjut, xaħmijiet u prodotti derivati minnhom għad-diossini****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) tat-12 ta' Jannar 2005 li jstabilixxi l-ħtiġijiet għall-igiene tal-għalf ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 27 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 jistipula regoli ġenerali dwar l-igiene tal-għalf, kif ukoll kundizzjonijiet u arranġamenti biex jiġi żgurat li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-ipproċessar għall-minimizzazzjoni u l-kontroll tal-perikli potenzjali. Dan jistipula wkoll li l-istabbilimenti kummerċjali tal-għalf għandhom ikunu rreġistrati mal-awtorità kompetenti, jew approvati minnha. Barra minn hekk, l-operaturi tan-negozji tal-għalf li jinsabu aktar 'l isfel fil-katina tal-għalf għandhom l-obbligu li jixtru l-għalf biss mingħand stabbilimenti li huma rreġistrati jew approvati.
- (2) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 jistabilixxi rekwiżiti għan-negozji tal-għalf għajr dawk li jinsabu fil-livell tal-produzzjoni primarja. B'mod partikolari, dan jeżiġi li r-rekwiżiti dwar l-ittestjar għad-diossini stipulati f'dak l-Anness jiġu riveduti sas-16 ta' Marzu 2014.
- (3) Id-definizzjoni ta' prodotti derivati minn żjut veġetali stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 għandha tiġi emendata sabiex jiġi ċċarat li dik id-definizzjoni ma tkoprix il-prodotti derivati minn żejt raffinat u addittivi tal-għalf awtorizzati b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (4) Id-definizzjoni ta' taħlit tax-xaħmijiet stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 għandha tiġi emendata wkoll sabiex tiġi ċċarata d-differenza bejn it-taħlit tax-xaħmijiet, u l-proċess ta' ħażna ta' lottijiet konsekuttivi ta' xaħmijiet u żjut mingħajr ma dawn jiġu mħallta. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat meta x-xaħmijiet imħallta jkunu qed jitqiesu bħala għalf kompost u meta dawn ikunu materjali tal-għalf.
- (5) Jixraq li jinstabu l-prodotti li jkunu jidhru b'mod ċar li huma kkontaminati bid-diossini malli jidhru fil-katina tal-għalf, u għalhekk għandu jiġi ċċarat li r-rekwiżiti dwar il-monitoraġġ tad-diossini stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 japplikaw għall-operaturi kollha tan-negozji tal-għalf li jqiegħdu l-għalf fis-suq, inklużi l-importaturi.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm traċċabbiltà u informazzjoni xierqa dwar l-għalf, għandha tiġi enfasizzata l-konformità mar-rekwiżiti dwar it-tikkettar stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ u b'mod partikolari l-konformità mad-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet u n-numri fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29)⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf (ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1)⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf (ĠU L 29, 30.1.2013, p. 1)

- (7) Jeħtieġ li r-rekwiżit ta' analiżi rappreżentattiva għal kull kwantità kbira jitwettaq fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv. Għalhekk huwa xieraq li f'intervalli regolari jittieħdu kampjuni inkrementali li jiffurmaw il-kampjun aggregat, eż. mill-inqas kampjun wieħed inkrementali għal kull 50 tunnellata, b'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar it-teħid tal-kampjuni kif stipulat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 ⁽¹⁾.
- (8) Ir-riżultati tal-ittestjar għad-diossini stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 183/2005, ir-rapporti ⁽²⁾ tal-verifiki tal-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni u l-fatt li ma ġew notifikati l-ebda kampjuni mhux konformi ta' prodotti derivati minn żjut veġetali lis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-lkel u l-Għalf ⁽³⁾, ħlief għal distillati tal-aċidi grassi minn raffinar fiżiku u deodistillati, juri li dawk il-prodotti ma għandhomx riskju għoli ta' kontaminazzjoni mid-diossini. Għaldaqstant, għal dawn il-prodotti huwa xieraq li jitnaqqsu r-rekwiżiti stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 fir-rigward tal-ittestjar ta' 100 % għad-diossini.
- (9) Sabiex tiġi ċċarata r-responsabbiltà għall-ittestjar ta' prodotti importati għad-diossini, fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 għandha tiġi stabbilita dispożizzjoni speċifika. Din għandha tiżgura wkoll li l-prodotti importati jkollhom livell ta' sikurezza li jkun simili ta' dak tal-prodotti magħmula fl-Unjoni.
- (10) Is-sistema stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 bl-għan li jkun hemm evidenza, permezz ta' ċertifikat li juri li tkun saret l-analiżi obbligatorja fuq lott speċifiku, għandha tiġi emendata b'diversi speċifikazzjonijiet dwar il-kompiti tal-operaturi differenti tan-negozji tal-għalf sabiex jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tad-diversi atturi fil-katina tal-għalf.
- (11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-lkel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-punt 2(h) tal-paragrafu (3)(b) tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandu japplika mit-23 ta' April 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1)

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/food/fvo/audit_reports/index.cfm: In-numri tal-verifiki 2013-6748, 2013-6749, 2013-6750, 2013-6751, 2013-6752, 2013-6753, 2014-7036, 2014-7037 u 2014-7038

⁽³⁾ http://ec.europa.eu/food/safety/rasff/portal/index_en.htm

ANNEX

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsima bit-titolu “DEFINIZZJONIJIET”, il-punti (b) u (c) jinbidlu bil-punti (b) u (c) li ġejjin, filwaqt li jżied il-punt (d) li ġej:

“(b) ‘prodotti li ġejjin minn żjut u xaħmijiet’ tfisser kull prodott li ġej b’mod dirett jew indirett minn żjut jew xaħmijiet mhux raffinati jew li jkun ġie rkuprat permezz tal-ipproċessar jew id-distillazzjoni oleokimika jew tal-bijodiżil, jew l-irfinar kimiku jew fiżiku, minbarra

— iż-żejt raffinat,

— prodotti li ġejjin minn żejt raffinat u

— addittivi tal-għalf;

(c) ‘taħlit tax-xaħmijiet’ tfisser il-manifattura ta’ għalf kompost jew, fil-każ tal-komponenti kollha li huma parti mill-istess entrata fil-PARTI C tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 (*) li huma derivati mill-istess speċijiet ta’ pjanti jew animali, il-manifattura ta’ materjali tal-għalf permezz tat-taħlit ta’ żjut mhux raffinati, żjut raffinati, xaħmijiet tal-annimali, żjut irkuprati minn operaturi tan-negozji tal-ikel li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 jew prodotti li ġejjin minnhom biex jiġi prodott żejt jew xaħam imħallat, bl-eċċezzjoni

— tal-proċess ta’ ħażna biss ta’ lottijiet konsekuttivi u

— t-taħlit, b’mod esklussiv, ta’ żjut raffinati;

(d) ‘żejt jew xaħam raffinat’ tfisser żejt jew xaħam li jkun għadda minn proċess ta’ raffinar kif imsemmi fin-Nru 53 tal-glossarju tal-proċessi elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 68/2013.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 tas-16 ta’ Jannar 2013 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf (ĠU L 29, 30.1.2013, p. 1).”

(2) Fit-Taqsima bit-titolu “PRODUZZJONI”, il-punt 8 jinbidel b’dan li ġej, u jżied il-punt 9 li ġej:

“8. It-tikkettar tal-prodotti għandu jindika b’mod ċar jekk dawn humiex maħsub għall-użu fl-għalf jew għal skopijiet oħra. Jekk lott partikolari ta’ prodott jiġi ddiċjarat li mhuwiex maħsub għall-użu fl-għalf, dik id-dikjarazzjoni ma tkunx tista’ tinbidel wara minn operatur fi stadju aktar tard tal-katina.

9. Fit-tikkettar tal-materjali tal-għalf skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) għandhom jintużaw, fejn disponibbli, id-denominazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 68/2013.

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ għalf (ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1).”

(3) It-Taqsima bit-titolu “MONITORAĠĠ TAD-DIOSSINI” hija emendata kif ġej:

(a) L-intestatura ta’ dik it-Taqsima tinbidel b’din li ġejja:

“MONITORAĠĠ TAD-DIOSSINI GĦAŻ-ŻJUT, IX-XAHMIJET U L-PRODOTTI DERIVATI”

(b) Il-punt 2 jinbidel b’dan li ġej:

“2. Biex jissupplimentaw is-sistema ta’ HACCP tal-operaturi tan-negozji tal-għalf, l-analiżijiet imsemmija fil-punt 1 għandhom jitwettqu minn tal-inqas bil-frekwenzi li ġejjin (jekk mhux speċifikat b’mod aktar preċiż, lott ta’ prodotti għall-analiżi m’għandux ikun akbar minn 1 000 tonnellata):

(a) L-operaturi tan-negozji tal-għalf li jipproċessaw xaħmijiet u żjut veġetali mhux raffinati:

- (i) 100 % tal-lottijiet tal-prodotti derivati minn żjut u xaħmijiet ta' oriġini veġetali, ħlief għal dawn li ġejjin:
- glicerina,
 - leċitina,
 - gomom,
 - il-prodotti li ssir referenza għalihom f'(ii);
- (ii) żjut aċidużi minn raffinar kimiku, materja prima xaħmija għall-produzzjoni tas-sapun, għajnuniet tal-filtrazzjoni użati, trab tal-ibbliċjar użat u lottijiet li deħlin ta' żejt tal-ġewż tal-indi mhux raffinati għandhom jiġu analizzati u dokumentati bħala parti mis-sistema tal-HACCP.
- (b) L-operaturi ta' negozji tal-għalf li jipproduċu xaħam tal-annimali, inklużi proċessuri tax-xaħam tal-annimali:
- (i) analiżi rappreżentattiva waħda għal kull 5 000 tunnellata b'minimu ta' analiżi rappreżentattiva waħda kull sena ta' xaħam tal-annimali u prodott li ġejjin minnu li jagħmlu parti minn materjal tal-kategorija 3, kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew minn stabbiliment approvat b'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).
- (c) L-operaturi ta' negozji tal-għalf li jipproduċu żejt tal-ħut:
- (i) 100 % tal-lottijiet taż-żejt tal-ħut jekk dan ikun prodott minn:
- prodott li ġejjin minn żejt tal-ħut minbarra żejt tal-ħut raffinat;
 - setturi tas-sajd bl-ebda storja ta' monitoraġġ, ta' oriġini mhux speċifikata jew mill-Baħar Baltiku;
 - prodott li ġejjin mill-ħut u magħmula minn stabbilimenti li jimmanifatturaw il-ħut għall-konsum mill-bniedem, liema stabbilimenti mhumiex approvati mill-UE;
 - stokkafixx jew menhaden;
- (ii) 100 % tal-lottijiet ta' prodott li jkunu ħerġin u li ġejjin minn żejt tal-ħut minbarra żejt tal-ħut raffinat;
- (iii) analiżi rappreżentattiva għal kull 2 000 tunnellata, fir-rigward taż-żejt tal-ħut mhux imsemmi fil-punt (i);
- (iv) żejt tal-ħut dekontaminat permezz ta' trattament approvat b'mod uffiċjali skont kif imsemmi fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/786 (***) għandu jiġi analizzat u dokumentat bħala parti mis-sistema tal-HACCP.
- (d) Tqegħid fis-suq ta' għalf mill-industrija oleokimika:
- (i) 100 % tal-lottijiet li deħlin ta' xaħmijiet tal-annimali li mhumiex koperti mill-punt (b) jew (h), ta' żejt tal-ħut mhux kopert mill-punt (c) jew (h), ta' żjut u xaħmijiet irkuprati minn operaturi ta' negozji tal-ikel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u ta' xaħmijiet u żjut imħallta;
- (ii) 100 % tal-lottijiet tal-prodotti derivati minn żjut u xaħmijiet imqiegħda fis-suq bħala għalf, ħlief għal dawn li ġejjin:
- glicerina,
 - aċidi grassi puri distillati minn proċessi ta' qsim,
 - il-prodotti li ssir referenza għalihom f'(iii);
- (iii) aċidi grassi mhux raffinati minn proċessi ta' qsim, aċidi grassi esterifikati bil-gliċerol, monogliceridi u digliċeridi ta' aċidi grassi, imluħa ta' aċidi grassi u lottijiet li deħlin ta' żejt tal-ġewż tal-indi mhux raffinati għandhom jiġu analizzati u dokumentati bħala parti mis-sistema tal-HACCP.

- (e) Tqegħid fis-suq ta' għalf mill-industrija tal-bijodiżil:
- (i) 100 % tal-lottijiet li deħlin ta' xaħmijiet tal-annimali li mhumiex koperti mill-punt (b) jew (h), ta' żejt tal-ħut mhux kopert mill-punt (c) jew (h), ta' żjut u xaħmijiet irkuprati minn operaturi ta' negozji tal-ikel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u ta' xaħmijiet u żjut imħallta;
 - (ii) 100 % tal-lottijiet tal-prodotti derivati minn żjut u xaħmijiet imqiegħda fis-suq bħala għalf, ħlief għal dawn li ġejjin:
 - glicerina,
 - leċitina,
 - gomom,
 - il-prodotti li ssir referenza għalihom f'(iii);
 - (iii) żjut aċidużi minn raffinar kimiku, materja prima xaħmija għall-produzzjoni tas-sapun u żejt tal-ġewż tal-indi mhux raffinati għandhom jiġu analizzati u dokumentati bħala parti mis-sistema tal-HACCP.
- (f) Stabbilimenti li jħalltu x-xaħam:
- (i) 100 % tal-lottijiet li deħlin ta' żejt tal-ġewż tal-indi mhux ipproċessat, ta' xaħmijiet tal-annimali li mhumiex koperti mill-punt (b) jew (h), ta' żejt tal-ħut mhux kopert mill-punt (c) jew (h), ta' żjut u xaħmijiet irkuprati minn operaturi ta' negozji tal-ikel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, ta' xaħmijiet u żjut imħallta u prodotti derivati minn żjut u xaħmijiet, għajr dawn li ġejjin:
 - glicerina,
 - leċitina,
 - gomom,
 - il-prodotti li ssir referenza għalihom f'(ii);
 - (ii) żjut aċidużi minn raffinar kimiku, aċidi grassi mhux raffinati minn proċessi ta' qsim, aċidi grassi puri distillati minn proċessi ta' qsim u materja prima xaħmija għall-produzzjoni tas-sapun għandhom jiġu analizzati u dokumentati bħala parti mis-sistema tal-HACCP
- jew
- (iii) 100 % tal-lottijiet ta' xaħmijiet u żjut imħallta maħsuba biex jintużaw bħala għalf.
L-operatur tan-negozju tal-għalf għandu jiddikjara lill-awtorità kompetenti liema alternattiva biħsiebu jagħżel.
- (g) Il-produtturi tal-għalf kompost għall-annimali li jipproduċu l-ikel, għajr dawk imsemmija fil-punt (f):
- (i) 100 % tal-lottijiet li deħlin ta' żejt tal-ġewż tal-indi mhux ipproċessat, ta' xaħmijiet tal-annimali li mhumiex koperti mill-punt (b) jew (h), ta' żejt tal-ħut mhux kopert mill-punt (c) jew (h), ta' żjut u xaħmijiet irkuprati minn operaturi ta' negozji tal-ikel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, ta' xaħmijiet u żjut imħallta u prodotti derivati minn żjut u xaħmijiet, għajr dawn li ġejjin:
 - glicerina,
 - leċitina,
 - gomom,
 - il-prodotti li ssir referenza għalihom f'(ii);
 - (ii) żjut aċidużi minn raffinar kimiku, aċidi grassi mhux raffinati minn proċessi ta' qsim, aċidi grassi puri distillati minn proċessi ta' qsim; għajruniet tal-filtrazzjoni, trab tal-ibbliċjar u materja prima xaħmija għall-produzzjoni tas-sapun għandhom jiġu analizzati u dokumentati bħala parti mis-sistema tal-HACCP;
 - (iii) 1 % tal-lottijiet fir-rigward tal-għalf kompost immanifatturat li fiha il-prodotti msemmija f'(i) u (ii).

(h) Importaturi li jqiegħdu fis-suq l-għalf li ġej:

(i) 100 % tal-lottijiet importati ta' żejt tal-ġewż tal-indi, xaħmijiet tal-annimali, żjut tal-ħut, żjut u xaħmijiet irkuprati minn operaturi tan-negozju tal-ikel, xaħmijiet u żjut imħallta, tokoferols estratti minn żejt veġetali u aċetat tat-tokoferol magħmul minnhom, kif ukoll prodotti li ġejjin minn żjut u xaħmijiet, ħlief għal dawn li ġejjin:

— glicerina,

— leċitina,

— gomom,

— il-prodotti li ssir referenza għalihom f'(ii);

(ii) żjut aċidużi minn raffinar kimiku, aċidi grassi mhux raffinati minn proċessi ta' qsim, aċidi grassi puri distillati minn proċessi ta' qsim u materja prima xaħmija għall-produzzjoni tas-sapun għandhom jiġu analizzati u dokumentati bħala parti mis-sistema tal-HACCP

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

(***) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/786 tad-19 ta' Mejju 2015 li jiddefinixxi l-kriterji ta' aċċettabilità għall-proċessi ta' detossifikazzjoni applikati għal prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali stipulati fid-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 21.5.2015, p. 10)".

(c) Il-punti 4, 5 u 6 jinbidlu b'dan li ġej:

"4. Fejn operatur ta' negozju tal-għalf ikollu prova dokumentata li lott ta' prodott, jew il-komponenti kollha ta' lott ta' prodott kif imsemmi fil-punt 2, li jkun(u) dieħel/daħlu fl-istabbiliment tiegħu ikun(u) diġà ġie/ġew analizzati fi stadju aktar bikri tal-produzzjoni, l-ipproċessar jew id-distribuzzjoni, l-operatur tan-negozju tal-għalf għandu jinħeles mill-obbligu li janalizza dak il-lott.

5. Kull lott ta' prodott analizzat skont il-punt 2 għandu jkun akkumpanjat minn prova dokumentata li turi li dawn il-prodotti, jew il-komponenti kostitwenti kollha tagħhom, ġew analizzati jew ġew sottomessi għal analiżi fl-laboratorju akkreditat imsemmi fil-punt 1, ħlief għal-lottijiet ta' prodott msemija fil-punt 2 (a)(ii), (b)(i), (c)(iii), (c)(iv), (d)(iii), (e)(iii), (f)(ii), (g)(ii) u (h)(ii).

Il-prova ta' analiżi għandha toħloq, mingħajr ebda ambigwiżà, ħolqa bejn il-konsenja u l-lott ittestjat jew lottijiet ittestjati. Din il-ħolqa għandha tiġi deskritta fis-sistema dokumentata ta' traċċar fis-seħħ fl-istabbiliment tal-fornitur. B'mod partikolari, meta l-konsenja tinkiseb għal aktar minn lott jew komponent wieħed, il-prova dokumentata li trid tingħata għandha sservi ta' prova għal kull wieħed mill-komponenti tal-konsenja. F'każijiet fejn l-ittestjar jitwettaq fuq prodott li jkun ħiereġ, il-prova li l-prodott ikun ġie analizzat għandha tkun ir-rapport analitiku.

Kull konsenja ta' prodott kif imsemmi fil-punt 2(b)(i) jew (c)(iii) għandha tkun akkumpanjata minn evidenza li dawn il-prodotti huma konformi mar-rekwiżiti tal-punti 2(b)(i) jew (c)(iii). Jekk ikun meħtieġ, il-prova ta' analiżi li tinkludi l-lott jew il-lottijiet ikkonsenjati għandha tingħata lid-destinatarju meta l-operatur jirċievi l-analiżi mingħand il-laboratorji awtorizzati.

6. Jekk il-lottijiet kollha li deklin ta' prodott msemija fil-punt 2(g)(i) li jaslu għal proċess ta' produzzjoni jkun(u) ġew analizzati skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u jekk ikun jista' jiġi żgurat li l-proċess ta' produzzjoni, l-immaniġġar u l-ħażna ma jżidux il-kontaminazzjoni mid-diossini, l-operatur tan-negozju tal-għalf għandu jinħeles mill-obbligu li janalizza l-prodott li jkun ħiereġ u minflok għandu janalizzah skont is-sistema tal-HACCP."